**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 151**
**L-Erbgħa, 4 ta' Ottubru, 2023 fl-4:00 p.m.**

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA - DEFIBRILLATORS**

**9870. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-lista tal-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu fejn hemm defibrillator?

08/06/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi defibrillators jinstabu f'kull Berġa u Health Centre tal-Kura Primarja, f'MDH , f'KGH, St. Luke's Hospital, FMS, GGH , MFH u NBTS.

Seduta 151
04/10/2023

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - DEFIBRILLATORS**

**9871. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-lista tal-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu fejn hemm defibrillator?

08/06/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat li l-entitajiet segwenti għandhom defibrillators:

· Pjazza Teatru Rjal
· Fondazzjoni Ċentru Kreattivita
· Heritage Malta
· Malta Philharmonic Orchestra
· Teatru Manoel
· Public Broadcasting Services
Intant, infurmat illi Saint John's Co-Catherdal Foundation qegħdin fil-proċess li jixtru defibrillators.

Seduta 151
04/10/2023

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - SEGRETARJU PARLAMENTARI GĦALL-GVERN LOKALI - DEFIBRILLATORS**

**9872. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru, permezz tas-Segretjaru Parlamentari jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-lista tal-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu fejn hemm defibrillator?

08/06/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat illi fl-entità li taqa' taħt ir-responsabiltà tas-Segretarju Parlementari m'hemmx defibrillator.

Seduta 151
04/10/2023

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ - DEFIBRILLATORS**

**9873. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-lista tal-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu fejn hemm defibrillator?

08/06/2023

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li hemm defibrillator wieħed (1) installat f'Palazz Spinola, San Ġiljan.

Seduta 151
04/10/2023

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL - DEFIBRILLATORS**

**9874. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-lista tal-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu fejn hemm defibrillator?

08/06/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellanta li fil-preżent, b'kollox hemm 21 defibrillator f'diversi binjiet minn fejn joperaw diversi dipartimenti u entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal. Il-lista ta' fejn qegħdin dawn id-defibrillators huwa kif elenkat hawn taħt:

1. Palazzo Ferreria, Valletta (Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal)
2. Community Birgu (Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali)
3. ACT Head Office, Msida (Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali)
4. Community Valletta (Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali)
5. Community Qawra (Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali)
6. Sedqa Detox – G'Mangia (Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali)
7. CPS Head Office (Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali)
8. FSWS Head Office (Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali)
9. Appoġġ Support Line 179 (Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali)
10. Appoġġ Head Office (Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali)
11. FSWS Head Office (Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali)
12. Gozo Xewkija (Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali)
13. Gozo Branch, Għajsielem (Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali)
14. Gozo Community Marsalforn (Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali)
15. Gozo Community Victoria (Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali)
16. Sedqa Dar l-Impenn (Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali)
17. Sedqa Head Office, (3 Braille Street) St Venera
(Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali)
18. Sedqa Head Office, (4 Braille Street) St Venera
(Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali)
19. CPS Children's House (Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali)
20. Komunità Santa Marija, Ħal-Farruġ (Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali)
21. Community Fgura (Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali)

Seduta 151
04/10/2023

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - DEFIBRILLATORS**

**9875. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-lista tal-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu fejn hemm defibrillator?

08/06/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellanta li taħt id-dekasteru tiegħi hemm defibrillator wieħed.

Seduta 151
04/10/2023

**MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA - IMPJEGATI MINN ĦADDIEMA TA' AĠENZIJI TAX-XOGĦOL**

**10617. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10186, jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra dwar in-numru ta' impjegati jew sigħat maħduma, ta' ħaddiema impjegati minn aġenzija tax-xogħol tal-kumpanija li ngħatat tender tal-gvern u titħallas mill-Ministeru jew entitajiet governattivi/Awtoritajiet/Kumpaniji tal-Gvern li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, għas-snin 2022 u 2023 sal-lum?

28/06/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tlabt biex l-informazzjoni tinġabar.

Seduta 151
04/10/2023

**MINISTERU GĦAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI U L-IPPJANAR - IMPJEGATI MINN ĦADDIEMA TA' AĠENZIJI TAX-XOGĦOL**

**10618. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10185, jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra dwar in-numru ta' impjegati jew sigħat maħduma, ta' ħaddiema impjegati minn aġenzija tax-xogħol tal-kumpanija li ngħatat tender tal-gvern u titħallas mill-Ministeru jew entitajiet governattivi/Awtoritajiet/Kumpaniji tal-Gvern li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, għas-snin 2022 u 2023 sal-lum?

28/06/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 151
04/10/2023

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - IMPJEGATI MINN ĦADDIEMA TA’ AĠENZIJI TAX-XOGĦOL**

**10619. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10184, jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra dwar in-numru ta' impjegati jew sigħat maħduma, ta' ħaddiema impjegati minn aġenzija tax-xogħol tal-kumpanija li ngħatat tender tal-gvern u titħallas mill-Ministeru jew entitajiet governattivi/Awtoritajiet/Kumpaniji tal-Gvern li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, għas-snin 2022 u 2023 sal-lum?

28/06/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba tinsab hawn taħt;

| **Isem l-entità** | **Numru ta’ Impjegati** |
|---|---|
| IFE | 4 massimu 5 |
| Sport Malta | Skond l-esiġenza |
| FES | 20 |

Seduta 151
04/10/2023

**TRASPORT PUBBLIKU - ILMENTI FL-2023**

**10678. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid dwar liema kwestjonijiet kienu l-ilmenti li saru dwar it-trasport pubbliku fl-2023?

30/06/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li minn Jannar sall-bidu ta' Settembru 2023, l-ilmenti u s-suġġerimenti li waslu għand Transport Malta kienu dwar is-segwenti:

· Talbiet għal informazzjoni dwar is-servizz tat-trasport pubbliku
· Bus Stops u Bus Shelters li jinkludu talbiet sabiex jiġu installati bus shelters jew bus stops ġodda, talbiet għal rilokazzjoni u manutenzjoni
· Talbiet sabiex jiġu modifikati xi rotot jew frekwenzi kif ukoll introduzzjoni ta rotot ġodda
· Ilmenti fuq xufiera u impjegati li jaħdmu fuq is-servizz tat-trasport pubbliku
· Ilmenti dwar għeluq ta' toroq u kif dawn jolqtu lis-servizz tat-trasport pubbliku
· Puntwalità u affidabbiltà tas-servizz tat-trasport pubbliku

Seduta 151
04/10/2023

**STATISTIKA DWAR KATEGORIJA TAL-ILMENTI**

**10679. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jagħti statistika tal-kategoriji tal-ilmenti li saru fl-2022 u fl-2023?

30/06/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 151
04/10/2023

**TRASPORT PUBBLIKU - ILMENTI RIŻOLTI**

**10680. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm mill-ilmenti dwar it-trasport pubbliku li saru fl-2022 u fl-2023 ġew riżolti?

30/06/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li kull ilment u suġġeriment li jasal għand Transport Malta rigward is-servizz tat-trasport pubbliku jiġi evalwat u fejn ikun possibbli tittieħed l-azzjoni addattata sabiex dawn l-ilmenti u suġġerimenti jiġu indirizzati.

Ta' min isemmi l-fatt li ħafna mill-ilmenti u r-rakomdazzjonijiet li l-operatur jirċievi minn għand il-pubbliku jkunu dwar il-frekwenzi tar-rotot. Kien għalhekk li l-Gvern, flimkien mal-operatur, ħabbar investiment ta' €20 miljun biex inxtraw 30 karozza tal-linja elettrika ġdida li qed iwassalu għal żieda li tlaħħaq l-410 vjaġġ aktar kuljum fuq numru ta' rotot li huma meqjusa importanti għall-konnettività.

Kif wieħed jista' japprezza, ċertu suġġerimenti jew ilmenti ma tistax tinżamm statistika fuqhom jekk ġewx magħluqa jew le minħabba n-natura tagħhom.

Seduta 151
04/10/2023

**BUS STOPS**

**10754. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn bus stops f'Malta u f'Għawdex rispettivament?

03/07/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li f'Malta hawn 1,691 bus stop filwaqt li f'Għawdex hemm 356 bus stop.

Seduta 151
04/10/2023

**BUS STOPS MINGĦAJR SHELTER**

**10755. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn bus stops (skont il-lokalitajiet Maltin u Għawdxin) li għadhom bla shelter għall-passiġġieri biex ikunu jistgħu jistkennu mix-xemx jew mix-xita waqt li jkunu qed jistennew?

03/07/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li f'Malta u f' Għawdex hawn total t'elfejn u sebgħa u erbgħin (2,047) bus stop li ħames mija u tlieta u disgħin (593) minnhom għandhom bus shelter jew canopies. Wieħed irid jirrimarka li fuq bosta minn dawn il-bus stops hemm restrizzjoni ta' spazju u għaldaqstant mhuwiex possibbli li jiġi installat bus shelter fuqhom.

Seduta 151
04/10/2023

**KAROZZI TAL-LINJA - MANUTENZJONI TAL-ACS**

**10756. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Fid-dawl tal-ilmenti li jsiru fil-ġranet sajfin dwar l-Air Conditioners (AC) tal-karrozzi tal-linja, li minkejja li jkun qed ikessaħ, xorta toħroġ is-sħana minn isfel u mill-ġnub, kif ukoll ħafna drabi l-ACs ikunu qed iqattru, jista' l-Ministru jgħid kull meta ssir manutenzjoni tal-ACs u kull meta jitnaddfu jew jinbidlu l-filters?

03/07/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-operatur tat-trasport pubbliku regolarment iwettaq manutenzjoni fuq l-air conditioners tal-karozzi tal-linja. Apparti dan, qabel ma' jidħol l-istaġun tas-sajf, l-air conditioners kollha jiġu ċċekkjati li qegħdin jaħdmu sew u li ma jkollhom l-ebda ħsarat. Fejn ikun hemm bżonn issir it-tiswija u t-tibdil tal-"components" meħtieġa. Isiru wkoll spezzjonijiet ukoll fuq il-kompressur u radiator, "top-ups" tal-gas fejn jekk ikun hemm bżonn, kif ukoll tibdil ta' fuses, relays, blowers, drains u pajpijiet, u l-filters. Ta' min wieħed jinnota li kull xahar il-filters kollha jiġu mnaddfa u fejn ikun hemm bżonn, jinbidlu.

Seduta 151
04/10/2023

**ĦADDIEMA SSEKONDATI MA' FONDAZZJONI**

**10814. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid jekk kienx hemm ħaddiema tas-settur ċivili li ġew issekondati mal-Fondazzjoni li d-dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament? Jekk iva, kemm, meta, u f'liema grad?

04/07/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari10815.

Seduta 151
04/10/2023

**ĦADDIEMA SSEKONDATI MA' FONDAZZJONI**

**10815. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid jekk kienx hemm ħaddiema tas-settur ċivili li ġew issekondati mal-Fondazzjoni li d-dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament? Jekk iva, kemm, meta, u f'liema grad?

04/07/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat li hemm żewġ ħaddiema li ġejjin mis-settur pubbliku li huma ssekondati mal-Fondazzjoni li d-dettalji dwarha ingħataw separatament. Persuna minnhom huwa Field Officer Grade 2 mat-Transport Malta u l-persuna l-oħra hija Administrative Officer l-ITS.

Seduta 151
04/10/2023

**SAN PAWL IL-BAĦAR - ĊITTADINI TA' PAJJIŻI TERZI LI GĦANDHOM PERMESS GĦAL NEGOZJU**

**11065. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm ċittadini ta' pajjiżi terzi li għandhom permess għal negozju f'San Pawl il-Baħar?

11/07/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex iressaq din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministri kkonċernati.

Seduta 151
04/10/2023

**XEMXIJA - TIĠIEĠ U SRIEDAQ LI NSTABU MEJTA**

**11082. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10841 dwar tiġieġ u sriedaq li nstabu mejta fix-Xemxija, jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar jekk xi dipartiment li jaqa' taħtu wettaqx investigazzjoni dwar ir-raġuni li wasslet biex numru ta' tiġieġ u sriedaq instabu mejta fl-inħawi tax-Xemxija, fiż-żona tal-Ġnien Olimpiku? Kemm kien in-numru ta' tjur li nġabru mejta minn fuq il-post?

12/07/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-mortalità tat-tiġieġ kienet minħabba l-istress ikkaġunat mis-sħana, flimkien ma insuffiċjenza ta' kwalità u iġjene ta' l-ilma u l-għalf. Ir-riżultat tat-testijiet għas-salmonella u l-influenza tat-tjur ġew negattivi.

Seduta 151
04/10/2023

**ŻONI FEJN JISTGĦU JGĦUMU L-KLIEB**

**11083. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 10801 u jgħid jekk il-Ministeru hux mistenni li jżid iż-żoni li fihom ikunu jistgħu jgħumu l-klieb f'Malta u f'Għawdex? X'inhi r-raġuni li għaliha s'issa għad m'hemmx żona għal dan il-għan f'San Pawl il-Baħar? Liema siti ġew proposti għal dan l-użu mill-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar? X'kienet ir-raġuni li għaliha dawn is-siti ma ġewx aċċettati?

12/07/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li huwa fil-ħsieb tal-Ministeru li eżerċizzju simili bħal ma sar din is-sena jerġa' jsir is-sena d-dieħla. Dan il-Ministeru mhuwiex infurmat li kien hemm siti proposti mill-Kunsill Lokali ta' l-istess lokalità wara diskusjonijiet li saru.

Seduta 151
04/10/2023

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL – UFFIĊINI DISTRETTWALI**

**11084. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 10733 u jgħid liema huma l-uffiċini distrettwali li għandu l-Ministeru fil-Mellieħa, l-Imġarr, in-Naxxar u San Pawl il-Baħar? Liema uffiċini oħra mistennija jinfetħu f'dawn il-lokalitajiet fil-futur qarib?

12/07/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta biex tirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkoċernat.

Seduta 151
04/10/2023

**XEMXIJA - TIĠIEĠ U SRIEDAQ LI NSTABU MEJTA MAR-ROUNDABOUT**

**11085. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10731 dwar tiġieġ u sriedaq li nstabu mejta fix-Xemxija, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra x'irriżulta mill-investigazzjoni dwar dan il-każ?

12/07/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11082.

Seduta 151
04/10/2023

**DIRETTUR ĠENERALI (AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR) - TALBA GĦAL INTERIM MEASURES**

**11097. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10746, li ngħatat fis-Seduta 145 tal-10 ta' Lulju 2023, tista' l-Ministru tipprovdi kopja tad-deċiżjoni tal-Qorti fejn ġiet miċħuda t-talba għal ħruġ ta' interim measure da parti tad-Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur)?

17/07/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li kopja tad-digriet tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) fl-atti tar-Rikors Numru 23/2019 fl-ismijiet "id-Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur) Vs Borg Christian Et" tal-25 ta' Settembru, 2019 qed jitpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 151
04/10/2023

**MFSA - ENFORCEMENT DECISIONS COMMITTEE - KOMPOŻIZZJONI**

**11098. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqisja parlamentari 10748 li ngħatat fis-Seduta 145 tal-10 ta' Lulju 2023, jista' l-Ministru jgħid x'inhi r-raġuni għalfejn l-Enforcement Decisions Committee mhux kompost? Jista' jispjega l-proċedura li qed tiġi segwita da parti tal-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA) dwar deċiżjonijiet maħruġin minnha fejn dawn jikkonċernaw l-impożizzjoni ta' penalitajiet finanzjarji (irrispettivament tal-mod kif deskritti) jew ta' sanzjonijiet oħrajn?

17/07/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-MFSA għadha qiegħda tieħu fil-konsiderazzjoni tagħha deċiżjonijiet meħuda fl-aħħar ftit xhur mill-Qorti Ċivili u Kostituzzjonali, fuq sanzjonijiet amministrattivi, u qiegħda tistenna deċizjonijiet oħra li l-Qorti ta' l-Appell Kostituzzjonali mistennija tieħu, sabiex umbagħad l-MFSA tikkonsidra kif ser timxi f'dan ir-rigward.
Deċizjonijiet ta' impożizzjoni ta' penalitajiet finanzjarji u sanzjonijiet oħra qed jiġu meħuda mill-Kumitat Ezekuttiv kif stabbilit mill-liġi.

Seduta 151
04/10/2023

**FINANCIAL SERVICES TRIBUNAL - APPELLI**

**11099. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid, sena b'sena mill-2019 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm kien hemm appelli quddiem il-Financial Services Tribunal fejn ġew ikkontestati deċiżjonijiet tal-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA) dwar l-impożizzjoni ta' penali finanzjarja (irrispettivament tal-mod kif deskritta) da parti tal-MFSA? Kemm minn dawn l-appelli ġew finalment deċiżi mit-Tribunal u minn dawk deċizi kemm minnhom ikkonformaw il-penali imposta?

Jista' jgħid ukoll jekk hux qed jiġi kkonsidrat li l-forum ta' appell attwali, ċjoè l-Financial Services Tribunal, jiġi mibdul dwar kontestazzjonijiet ta' penalitajiet finanzjarji sostanzjali fid-dawl ukoll tad-diversi kawżi Kostituzzjonali li saru fejn fost l-oħrajn qed isir l-argument li penalitajiet sostanzjali jistgħu biss jiġu deċiżi minn Qorti?

17/07/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi n-numru ta' appelli sena b'sena mill-2019, inkluż in-numru ta' appelli deċizi, hi skond it-tabella ta' hawn taħt.
Mill-appelli deċiżi, tnejn irrevokaw l-penali imposti mill-Awtorità. Id-deċiżjonijiet kollha tat-Tribunal għas-Servizzi Finanzjarji jiġu ppubblikati fuq is-sit web tat-Tribunal.

| Sena | Introdotti | Deċiżi Finali | Deċiżi Preliminari |
|---|---|---|---|
| **2019** | 6 | 2 | 10 |
| **2020** | 8 | 3 | 1 |
| **2021** | 10 | 6 | 3 |
| **2022** | 7 | 7 | 0 |
| **2023** | 0 | 4 | 0 |

L-awtoritajiet flimkien mal-Gvern bħalissa qiegħdin jarblu kull rotta possibili li tista` tittieħed jekk l-appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali jingħata kontra l-Awtoritajiet rispettivi.

Seduta 151
04/10/2023

**CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL - KUMPENS LIL PROVDITURI TA' SERVIZZ**

**11100. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Mill-bidu tas-sena 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, tista' l-Ministru telenka separatament skont is-servizzi msemmija f'din il-mistoqsija jekk kienx hemm xi deċiżjonijiet tal-Consumer Claims Tribunal fejn dan it-tribunal ta xi forma ta' kumpens jew rimedju ieħor u ċjoè fil-konfront ta' provdituri ta' servizz:
i. tad-dawl;
ii. tal-gass;
iii. tal-ilma;
iv. tat-telekomunikazzjoni; u
v. tal-internet?

17/07/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li mill-2022 sas-26 ta' Settembru 2023 kien hemm tlett deċiżjonijiet tat-Tribunal għal Talbiet ta' Konsumaturi fejn id-deċiżjoni ma nqagħtatx favur il-konsumatur fir-rigward ta' provdituri tad-dawl, u tat-telekomunikazzjoni. Fir-rigward ta' provditur tad-dawl il-konsumatur kellu jħallas l-ispejjeż tal-provditur li kienu jammontaw għal €7; u fir-rigward tal-provdituri tat-telekomunikazzjoni kien hemm żewġ deċiżjonijiet fejn f'każ minnhom il-konsumatur kellu jħallas l-ispejjeż tal-provditur li kienu jammontaw għal €7, u fil-każ l-ieħor kull parti kellha tħallas l-ispejjeż tagħha. Ma kienx hemm deċiżjonijiet oħra fejn ingħata xi tip ta' kumpens jew rimedju fir-rigward ta' provdituri tas-servizzi tal-gass, ilma u internet. Minn barra dawn it-tlett każijiet imsemmija, ma kien hemm l-ebda kawża oħra, la favur jew kontra il-provdituri ta' dawn is-servizzi.

Seduta 151
04/10/2023

**MTA - TALBA GĦAL MIŻURA TA' INJUNZJONI DWAR LIĠIJIET TAL-UE**

**11101. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid xi rwol għandha l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) fir-rigward ta' talba għal miżura ta' inġunzjoni li ssir skont l-Att Numru XVII dwar is-segwenti liġijiet tal-UE li ġew trasposti taħt liġijiet infurzati mill-istess MTA u ċjoè:
Direttiva 2008/122/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Jannar 2009 dwar il-protezzjoni tal-konsumatur rigward ċerti aspetti ta' kuntratti ta' timeshare, kuntratti dwar prodotti ta' vaganza għal perjodu fit-tul, kuntratti ta' bejgħ mill-ġdid u kuntratti ta' skambju; u
Direttiva (UE) 2015/2302 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar pakketti tal-ivvjaġġar u arranġamenti tal-ivvjaġġar marbuta, li temenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u d-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/314/KEE?

17/07/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 151
04/10/2023

**IŻ-ŻEJTUN - LATRINA PUBBLIKA FIL-PJAZZA**

**11114. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jara li l-latrina pubblika fil-Pjazza taż-Żejtun tiġi miżmuma aħjar?

18/07/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali taż-Żejtun illi preżentament it-tindif qiegħed isir ta' kuljum filgħodu hekk kif skedat.

Seduta 151
04/10/2023

**IŻ-ŻEJTUN - ĠNIEN IL-KMANDANT**

**11115. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid jekk ingħatatx assistenza biex Ġnien il-Kmandant, fiż-Żejtun, jiġi miżmum tajjeb u tgħid jekk huwiex jinfetaħ regolarment?

18/07/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 151
04/10/2023

**IŻ-ŻEJTUN - LATRINA PUBBLIKA MAGĦRUFA BĦALA TAS-SUQ**

**11116. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-latrina pubblika li hemm fil-parti taż-Żejtun magħrufa bħala tas-Suq hux se tinfetaħ u tibda tiġi użata?

18/07/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali taż-Żejtun illi bħalissa m'hemmx latrina għaliex din qiegħda tinbena mill-ġdid.

Infurmat ukoll li naturalment din ser tinfetaħ u tiġi użata ladarba titlesta.

Seduta 151
04/10/2023

**IŻ-ŻEJTUN - ŻIEDA TA' REĊIPJENTI TAR-RIĊIKLAĠĠ**

**11117. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tara li jkun hemm iktar reċipjenti tar-riċiklaġġ ġewwa diversi partijiet fiż-Żejtun, billi hemm nuqqas evidenti?

18/07/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 151
04/10/2023

**IŻ-ŻEJTUN – ŻIEDA TA' REĊIPJENTI TAR-RIĊIKLAĠĠ**

**11118. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jara li jkun hemm iktar reċipjenti tar-riċiklaġġ ġewwa diversi partijiet fiż-Żejtun, billi hemm nuqqas evidenti?

18/07/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali taż-Żejtun li l-istess Kunsill qiegħed jevalwa l-possibilità ta' iktar reċipjenti tar-riċiklaġġ ġewwa diversi partijiet fiż-Żejtun.

Seduta 151
04/10/2023

**IŻ-ŻEJTUN - COMMUNITY POLICING**

**11119. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid meta mistenni jibda s-servizz ta' Community Policing ġewwa r-raħal taż-Żejtun?

18/07/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Kuntent li llum anke xi wħud mill-Oppożizzjoni konvinti mis-servizz tal-Community Policing fil-komunitajiet tagħna. Ninsab infurmat illi huwa previst li servizz ta' Community Policing ġewwa r-raħal taż-Żejtun jibda fiż-żmien li ġej.

Seduta 151
04/10/2023

**TRIBUNAL AMMINISTRATTIVI - LISTA**

**11125. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: B'referenza għall-Ewwel Skeda tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva, Kap. 490 tal-Liġijiet ta' Malta, jista' l-Ministru jgħid għalfejn fil-lista tat-Tribunali Amministrattivi għad hemm imsemmija diversi tribunali li llum ma jeżistux?

19/07/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant, li l-aġġornar ta' liġijiet, inklużi l-iskedi li hemm magħhom, jifforma parti minn eżerċizzju li qed isir mill-Kummissjoni tal-Liġijiet.

Seduta 151
04/10/2023

**SMALL NATIONS GAMES - ĦLAS GĦAL XOGĦOL LILL-KUNTRATTURI**

**11126. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 9092 u jelenka kull ħlas li sar jew hu mistenni jsir lil kull kuntrattur li ngħata/rebaħ sejħa għall-offerti għal xi xogħol marbut mal-iSmall Nations Games? Jista' jgħid f'kull każ:
a) id-data meta ntrebaħ/ingħata l-kuntratt;
b) jekk kienx direct order; u
ċ) isem il-kuntrattur?

21/07/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Sport Malta allokat €3,443,000 lill-Kumitat Olimpiku Malti biex dawn jiġu utilizzati kemm għas-servizzi li kien hemm bżonn waqt il-logħob u kif ukoll biex jissorvelja l-logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar u jkollna l-aħjar riżultati għall-Team Malta.

Seduta 151
04/10/2023

**QTUGĦ FIL-PROVVISTA TAD-DAWL**

**11127. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi l-istima ta' telf għall-ekonomija tal-pajjiż minħabba l-qtugħ fil-provvista tad-dawl fl-aħħar erbat ijiem?

24/07/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 151
04/10/2023

**IL-MOSTA - TĦAWWIL TAS-SIĠAR TAŻ-ŻEBBUĠ**

**11128. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew jiswew is-siġar kollha taż-żebbuġ li tħawlu f'din l-aħħar sena fil-lokalità tal-Mosta? Jista' l-Ministru jqiegħed kopja tal-invoices fuq il-Mejda tal-Kamra?

24/07/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Infurmat mill-Kunsill Lokali tal-Mosta li l-informazzjoni mitluba tinsab fil-fatturi li qegħdin jiġu mqiegħda fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 151
04/10/2023

**CABLES - ĦSARAT**

**11131. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm mill-cables li kellhom ħsarat f'dawn l-aħħar ħmistax kienu tal-aluminium?

24/07/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li n-network tal-Enemalta li sar matul is-snin fih tipi differenti ta' cables. Il-ħsarat li ġraw f'Lulju, waqt l-itwal mewġa ta' sħana qalila li esperjenza pajjiżna f'dawn l-aħħar snin, f'xahar fejn it-temperaturi madwar id-dinja laħqu livelli rekord, ma kellhom x'jaqsmu xejn ma' jekk il-cables humiex tal-aluminju jew tar-ram. Tant hu hekk, li l-istess cables reġgħu nxtgħelu u ħadmu wara li nbidlu l-ġonot fejn seħħew il-ħsarat.

Seduta 151
04/10/2023

**ENEMALTA - BDIL TA' CABLES TA' ŻMIEN L-INGLIŻI**

**11150. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm-il cable ta' żmien l-Ingliżi (jiġifieri li saru qabel l-1960) inbidlu mill-Enemalta f'dawn l-aħħar għaxar snin u kemm hemm iktar x'jinbidlu u sa meta?

27/07/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-qtugħ fil-provvista tal-elettriku li seħħ f'Lulju, waqt l-itwal mewġa ta' sħana qalila li esperjenza pajjiżna f'dawn l-aħħar snin, f'xahar fejn it-temperaturi madwar id-dinja laħqu livelli rekord, ma kienx dovut għaż-żmien tal-cables iżda ġie kkawżat mit-temperaturi estremi li affettwaw il-ġonot tal-cables. Fil-fatt, wara li dawn tranġaw, l-istess cables reġgħu inxtgħelu u setgħu jibqgħu jintużaw.
Ninsab infurmata li fil-prattika, l-Enemalta waqt li tibqa' tuża l-cables li saru matul is-snin inkluż dawk li saru qabel l-1960, tagħmel cables oħrajn addizzjonali fuq l-istess rotta biex f'ċirkostanzi normali jkun hemm flessibilità u stabbiltà fis-sistema tad-distribuzzjoni tal-elettriku.
L-Enemalta għaddejja bi programm kontinwu ta' investiment, li ser ikompli jissaħħaħ, biex iżżid il-cables fis-sistema tad-distribuzzjoni tal-elettriku ħalli tibqa' ssaħħaħ il-flessibilità u r-reżiljenza tas-sistema.

Seduta 151
04/10/2023

**SPTAR MATER DEI - AWTOPSJI**

**11151. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm-il awtopsja saret fl-Isptar Mater Dei bejn is-17 ta' Lulju 2023 u t-28 ta' Lulju 2023?

28/07/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bejn is-17 ta' Lulju 2023 u s-27 ta' Lulju 2023 saru 39 awtopsja fl-Isptar Mater Dei.

Seduta 151
04/10/2023

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA - ĦADDIEMA INGAĠĠATI**

**11170. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew ingaġġati persuni mal-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, minn Marzu 2022 sal-ġuranta li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma bit-tip ta' kuntratt mogħti (definit jew indefinit) u anke bl-irwol li ġew ingaġġati fih?

08/08/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi l-informazzjoni mitluba mill-Onor. Interpellant qiegħda titpoġġa fuq il Mejda tal-Kamra.

Seduta 151
04/10/2023

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU - ĦADDIEMA INGAĠĠATI**

**11171. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew ingaġġati persuni mal-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, minn Marzu 2022 sal-ġuranta li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma bit-tip ta' kuntratt mogħti (definit jew indefinit) u anke bl-irwol li ġew ingaġġati fih?

08/08/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-perjodu msemmi ġew ingaġġati total ta' 33 persuna fl-entitajiet/awtoritajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru, b'persuna waħda impjegata fuq bażi definita.

Seduta 151
04/10/2023

**MINISTERU GĦAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI U L-IPPJANAR - ĦADDIEMA INGAĠĠATI**

**11172. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew ingaġġati persuni mal-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, minn Marzu 2022 sal-ġuranta li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma bit-tip ta' kuntratt mogħti (definit jew indefinit) u anke bl-irwol li ġew ingaġġati fih?

08/08/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif mitlub huwa kif spjegat hawn taħt:

| **Ammont** | | **Rwol** |
|---|---|---|
| Definit | Indefinit | |
| 5 | 21 | Amministrattiv |
| 0 | 6 | Tekniku |
| 1 | 13 | Ta' Spettorat |

Seduta 151
04/10/2023

**MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA - ĦADDIEMA INGAĠĠATI**

**11173. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew ingaġġati persuni mal-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, minn Marzu 2022 sal-ġuranta li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma bit-tip ta' kuntratt mogħti (definit jew indefinit) u anke bl-irwol li ġew ingaġġati fih?

08/08/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-perjodu msemmi minnu sat-8 t'Awwissu 2023 ġew ingaġġati 149 persuna fl-entitajiet li jagħmlu parti mill-Ministeru tiegħi u qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tabella b'informazzjoni u iktar dettaljati dwarhom kif mitlub. Ta' min jinnota li matul l-istess perjodu kien hemm 88 persuna li għal raġuni ta' rtirar, riżenji jew raġunijiet oħra ma baqgħux ingaġġati mal-entitajiet li jagħmlu parti mill-Ministeru għall-Ġustizzja.

Seduta 151
04/10/2023

**MINISTERU GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA - ĦADDIEMA INGAĠĠATI**

**11174. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew ingaġġati persuni mal-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, minn Marzu 2022 sal-ġuranta li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma bit-tip ta' kuntratt mogħti (definit jew indefinit) u anke bl-irwol li ġew ingaġġati fih?

08/08/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 151
04/10/2023

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ - ĦADDIEMA INGAĠĠATI**

**11175. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew ingaġġati persuni mal-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, minn Marzu 2022 sal-ġuranta li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma bit-tip ta' kuntratt mogħti (definit jew indefinit) u anke bl-irwol li ġew ingaġġati fih?

08/08/2023

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba tinsab fit-tabella t'hawn taħt:

| Entità | Numru | Tip ta' Kuntratt | Rwol li ġew ingaġġati |
|---|---|---|---|
| Trade Malta Ltd | 1 | Indefinit | Media/PR Manager |

Seduta 151
04/10/2023

**IFFRIŻAR TA' SKART ORGANIKU**

**11249. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x'inhi l-pożizzjoni tal-Ministeru għas-Saħħa, u jgħid jekk il-Ministeru hux favur id-dikjarazzjoni tas-CEO tal-Wasteserv li l-iskart organiku jitpoġġa fil-friża biex jiġi ffriżat sakemm jasal il-jum meta suppost jintrema? Jista' jgħid ukoll jekk dan imurx kontra direttiva tad-Dipartiment tas-Sanità lill-postijiet kummerċjali, li huma mitluba biex fil-friżi tagħhom jisseparaw u jagħżlu l-ikel minn ma' prodotti oħra fl-istess friża?

31/08/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għar-regolament 852 tal-2004 tal-Unjoni Ewropea.

Seduta 151
04/10/2023

**TOURISM ZONES REGENERATION AGENCY - KONSULENTI**

**11277. L-ONOR. MARIO DE MARCO** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jagħti lista tal-konsulenti ingaġġati mat-Tourism Zones Regeneration Agency (TZRA)?

04/09/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li TZRA għandha żewġ Advisors.

Seduta 151
04/10/2023

**MTA - PROPRJETAJIET PRIVATI LIĊENZJATI**

**11376. L-ONOR. MARIO DE MARCO** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il proprjetà privata hija attwalment liċenzjata mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) sabiex tinkera għal short lets għall-vaganzi?

11/09/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant lin-numru ta' proprjetajiet privati attwalment liċenzjata (post għall-vaganzi) mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) huma ta:
- Għawdex: 1,391
- Malta: 3,744

Seduta 151
04/10/2023

**MTA - INSPECTIONS RELATATI MA' KSUR TA' LIĊENZJI**

**11377. L-ONOR. MARIO DE MARCO** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il inspection saret mill-uffiċjali tal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) relatata ma' użu ta' proprjetà privata bi ksur ta' liċenzja tal-MTA jew mingħajr liċenzja fis-snin 2021, 2022 u 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

11/09/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li mis-sena 2021 s'issa, uffiċjali tal-Awtorità Maltija għat-Turiżmuspezzjonaw 'il fuq minn 900 proprjetà privata li kienu suspettati li qed joperaw bla liċenzja jew li kienu qegħdin jiksru il-kundizzjonijiet tal-liċenzja:

| **Sena** | **Numru ta' propjetajiet** |
|---|---|
| 2021 | 114 |
| 2022 | 369 |
| 2023 (s'issa) | 426 |
| | |

Dawn ma jinkludux spezzjonijiet li saru fir-rigward ta' ksur ta' protokolli maħruġa mill-Awtoritajiet tas-Saħħa relatati mal-Covid 19.
Ninforma lill-Onor. Interpellant illi filwaqt li jidħlu diversi ilmenti dwar propjetajiet li qegħdin jinkrew lil persuni ta' nisel barrani, diversi drabi jinstab illi dawn il-persuni ma jikkwalifikawx legalment bħala turisti.

Seduta 151
04/10/2023

**MTA - ENFORCEMENT NOTICES**

**11378. L-ONOR. MARIO DE MARCO** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il vjolazzjoni nstabet mill-uffiċjali tal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) u kemm-il enforcement notice nħarġet minnhom fis-snin 2021, 2022 u 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

11/09/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fis-sena 2021, ix-xogħol tal-Awtorità ma kienx biss dak li tara li l-istandards imposti mil-liġi jiġu osservati, imma kellha wkoll l-irwol importanti li tassigura li l-protokolli maħruġa mill-Awtoritajiet tas-Saħħa jiġu mħarsa minn kulħadd. Fis-sena 2021 instabu 69 vjolazzjoni fejn l-Awtorità ipproċediet b'azzjoni legali, li jinkludi multi amministrattivi u 17-il avviż ta' infurzar. Il-vjolazzjonijiet kienu jinkludu operat mingħajr liċenzja, nuqqas ta' osservazzjoni ta' regolamenti oħra skont il-liġi, kif ukoll ksur ta' protokolli fir-rigward tal-Covid 19.
Fis-sena 2022 instabu 48 vjolazzjoni fejn l-Awtorità ipproċediet b'azzjoni legali li jinkludi multi amministrattivi u 4 avviżi ta' infurzar. Mill-bidu ta' din is-sena s'issa instabu 193 vjolazzjoni fejn l-Awtorità ipproċediet b'azzjoni legali li jinkludi ittri ta' twissija, multi amministrattivi u 6 avviżi ta' infurzar. Dawn kienu jikkonċernaw dawk li kienu qed joperaw mingħajr liċenzja kif ukoll dawk li kellhom il-liċenzja iżda ma kienux qed josservaw regolamenti oħra skont il-liġi. L-operaturi ġew imwissija biex jirregolarizzaw il-pożizzjoni tagħhom skont il-liġi.

Seduta 151
04/10/2023

**PJAN DWAR L-UŻU TA' PROPRJETÀ PRIVATA GĦAL SKOPIJIET TA' TURIŻMU**

**11379. L-ONOR. MARIO DE MARCO** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid jekk għandux pjanijiet sabiex jirregola aktar l-użu ta' proprjetà privata għal skopijiet ta' turiżmu?

11/09/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi filwaqt li dan is settur huwa wieħed importanti għat-turiżmu għax iħalli l-ġid li jiġġenera t-turiżmu jippenetra aktar fil-fond fis-saffi tas-soċjetà, huwa settur li jista' jkollu effetti fuq żoni residenzjali. Għaldaqstant, il-Gvern qed isegwi b'attenzjoni l-iżvilupp ta' regolament ġdid tal-Unjoni Ewropea fuq ir-reġistrazzjoni ta' postijiet għal kiri fuq terminu qasir (short-term rental) u qed juża dan iż-żmien sabiex iwassal il-messaġġ li jkun aħjar li l-proprjetà li tintuża għat-turiżmu tkun liċenzjata kif suppost. Qed nieħdu wkoll azzjonijiet ma' aġenziji oħrajn bħall-ERA, sabiex ngħaddu messaġġ ieħor fuq separazzjoni ta' skart f'dawn il-postijiet u, sabiex ngħinu aktar fl-infurzar, għaddejna emenda sabiex il-Kunsilli Lokali jkollhom aktar għodda għad-dispożizzjoni tagħhom.

Seduta 151
04/10/2023

**DELIMARA - PROĠETT TA' ĦAŻNA TA' ENERĠIJA BIL-BATTERY ENERGY STORAGE SYSTEMS (BESS)**

**11384. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid min hu maħsub li se jiffinanzja l-proġett ta' ħażna ta' enerġija bil-batteriji (BESS) li tħabbar li se jsir f'Delimara? Tista' tgħid ħariġx jew hux ħiereġ tender għal dan il-proġett u f'liema stadju wasal?

12/09/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11069.

Seduta 151
04/10/2023

**REWS - SUSSIDJI - ĊILINDRI TAL-GASS**

**11385. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Fid-dawl tad-Deċiżjoni 1 tal-31 ta' Marzu 2020, meħuda mir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (REWS), rigward il-prezz taċ-ċilindri tal-gass LPG, tista' l-Ministru tgħid kemm ħareġ flus f'sussidji l-Gvern minn dakinhar sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari sabiex inżamm il-prezz fiss ta' €15 għall kull ċilindru ta' 12 kg (u prorata għaċ-ċilindri l-oħra) għall-konsumatur? Tista' l-Ministru tgħid ukoll kemm-il kilogramma ta' LPG ġew mibjugħa lill-konsumaturi b'dan is-sussidju minn dakinhar sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

12/09/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-perjodu indikat s'Awwissu ta' din is-sena, l-Gvern ħareġ total ta' €19,155,635 f'sussidji biex inżammet l-istabbilità fil-prezz tal-LPG f'ċilindri. Dan is-sussidju ngħata fuq 41,521,975 kilogramm ta' LPG li nxtraw mill-konsumatur.

Seduta 151
04/10/2023

**EMISSION TRADING UNITS – ESTIMI FINANZJARJI**

**11386. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jispjega d-dħul fl-estimi finanzjarji mill-Emission Trading Units, jagħti break down tiegħu u jispjega x'inhu l-proċess li bih jiġu "irkantati" dawn il-units?

12/09/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 151
04/10/2023

**ŻONA EKONOMIKA ESKLUSSIVA – RIŻULTAT TAL-PMC**

**11387. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra r-riżultat tal-Preliminary Market Consultation (PMC) fuq iż-Żona Ekonomika Esklussiva li ġie mniedi s-sena l-oħra, u jgħid kemm kien hemm espressjonijiet ta' interess, u ma' xiex kienu relatati (kemm kienu jirrigwardjaw l-enerġija, kemm minnhom kienu dwar it-teknoloġija mir-riħ u/jew mix-xemx, kemm kienu dwar l-industrija marittima eċċ.)?

12/09/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-konsultazzjoni preliminari tas-suq hija biss eżerċizzju li permezz tiegħu l-Gvern jikseb informazzjoni.
B'kollox ġew sottomessi 21 proposta. Id-dettalji qed jingħataw hawn taħt:
9 proposti dwar enerġija mir-riħ;
2 proposti dwar enerġija mix-xemx;
1 proposta dwar LNG;
2 proposti dwar konsulenza;
1 proposta dwar l-akkwakultura;
4 proposti dwar taħlita ta' enerġija mir-riħ u x-xemx;
2 proposti dwar taħlita ta' enerġija mir-riħ u x-xemx, kif ukoll akkwakultura u attivitajiet oħra.

Seduta 151
04/10/2023

**PASSAPORTI DIPLOMATIĊI**

**11424. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn persuni li għandhom passaport diplomatiku u f'liema kapaċità jew abbażi ta' liema rwol uffiċjali?

20/09/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li bħalissa hawn 641 Passaport Diplomatiku validu fiċ-ċirkolazzjoni. Il-mistoqsija dwar il-kapaċità u l-kriterji li fuqhom jingħata dan il-passaport għandha ssir lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 151
04/10/2023

**LESA - KONTRAVVENZJONIJIET**

**11425. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tabella li turi kemm-il kontravvenzjoni ħarġet il-LESA bejn Jannar 2022 u Awwissu 2023, xahar b'xahar, għal kull lokalità?

20/09/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tabella riprodotta hawn taħt.

| **Lokalità** | **January – August 2023** |
|---|---|
| ATTARD | 7161 |
| BALZAN | 1377 |
| BIRGU | 2275 |
| BIRKIRKARA | 8766 |
| BIRŻEBBUGA | 1656 |
| BORMLA | 508 |
| DINGLI | 305 |
| FGURA | 835 |
| FLORIANA | 4078 |
| FONTANA-Gozo | 192 |
| GĦAJNSIELEM-Gozo | 373 |
| GĦARB-Gozo | 174 |
| GĦARGHUR | 1156 |
| GĦASRI-Gozo | 30 |
| GĦAXAQ | 2368 |
| GUDJA (Inc Airport) | 4361 |
| GŻIRA | 5117 |
| ĦAMRUN | 5170 |
| IKLIN | 2008 |
| ISLA | 35 |
| KALKARA | 192 |
| KERĊEM-Gozo | 76 |
| KIRKOP | 557 |
| LIJA | 379 |
| LUQA | 2075 |
| MARSA | 833 |
| MARSASCALA | 5462 |
| MARSAXLOKK | 441 |
| MDINA | 1172 |
| MELLIEĦA | 5947 |
| MĠARR | 2285 |
| MOSTA | 8194 |
| MQABBA | 454 |

| | |
|---|---|
| MSIDA | 3976 |
| MTARFA | 87 |
| MUNXAR-Gozo | 275 |
| NADUR-Gozo | 159 |
| NAXXAR | 17259 |
| PAOLA | 4235 |
| PEMBROKE | 1084 |
| PIETÀ | 1706 |
| QALA-Gozo | 229 |
| QORMI | 6728 |
| QRENDI | 208 |
| RABAT | 1941 |
| RABAT-Gozo | 3607 |
| SAFI | 193 |
| SAN ĠILJAN | 15882 |
| SAN ĠWANN | 4051 |
| SAN LAWRENZ-Gozo | 25 |
| SAN PAWL IL-BAĦAR | 13398 |
| SANNAT-Gozo | 71 |
| SANTA LUĊIJA | 81 |
| SANTA VENERA | 2851 |
| SIĠĠIEWI | 1490 |
| SLIEMA | 9299 |
| SWIEQI | 4514 |
| TA` XBIEX | 2601 |
| TARXIEN | 1676 |
| VALLETTA | 3485 |
| XAGĦRA-Gozo | 327 |
| XEWKIJA-Gozo | 278 |
| XGĦAJRA | 578 |
| ŻABBAR | 2555 |
| ŻEBBUG | 2973 |
| ŻEBBUG-Gozo | 716 |
| ŻEJTUN | 3614 |
| ŻURRIEQ | 1400 |

Seduta 151
04/10/2023

**KUMITAT GĦALL-AVUKATI U PROKURATURI LEGALI - INVESTIGAZZJONIJIET FUQ TALBA TAL-KUMMISSJONI GĦALL-AMMINISTRAZZJONI TAL-ĠUSTTIZZJA**

**11452. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il investigazzjoni beda l-Kumitat għall-Avukati u Prokuraturi Legali fuq talba tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġusttizzja mid-data tat-twaqqif tiegħu sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn l-investigazzjonijiet għadhom pendenti?

25/09/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11450.

Seduta 151
04/10/2023

**KUMITAT GĦALL-AVUKATI U PROKURATURI LEGALI - RAPPORTI**

**11453. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il rapport għamel il-Kumitat għall-Avukati u Prokuraturi Legali lill-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja dwar il-konklużjonijiet tiegħu f'kull investigazzjoni jew studju magħmul minnu minn kemm ilu mwaqqaf dan l-istess Kumitat?

25/09/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11450.

Seduta 151
04/10/2023

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA - MEMBRI TA' BORDIJIET U ENTITAJIET**

**11466. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 10715 u jgħid min huma l-membri preżenti kollha ta' kull bord u entità li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, inkluż iċ-Chairperson u s-Segretarju/a? Jista' jgħid x'inhi r-remunerazzjoni ta' kull persuna fil-bord jew entità rispettiva?

25/09/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi l-informazzjoni mitluba mill-Onor. Interpellant qiegħda titpoġġa fuq il Mejda tal-Kamra.

Seduta 151
04/10/2023

**KTIEB TAL-VIŻITATURI UFFIĊJALI - LISTA TA' VIŻITATURI**

**11467. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid mis-sena 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm-il osservazzjoni ġiet imniżżla fil-Ktieb tal-Viżitaturi Uffiċjali mill-Viżitaturi Speċjali tal-Ħabs u ċjoè l-Ministru responsabbli għall-ħabs, il-Prim Imħallef, l-Imħallfin, il-Maġistrati u l-Avukat Ġenerali, dwar il-ħabs u l-priġunieri skont dak li jipprovdi l-artikolu 8(4) tal-Att dwar il-Ħabs (Kap. 260 tal-Liġijiet ta' Malta)?

25/09/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li żjarat saru mill-Ministru responsabbli mill-Ħabs, iżda ma nkitbux osservanzi fil-ktieb.

Seduta 151
04/10/2023

**RIFORMA FIS-SISTEMA TAL-KUMPILAZZJONIJIET U RINVIJI - SOTTOMISSJONIJIET**

**11468. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tas-sottomissjonijiet kollha li saru mill-pubbliku dwar ir-riforma fis-sistema tal-kumpilazzjonijiet u rinviji bħala parti mill-konsultazzjoni pubblika u li għalqet nhar il-31 ta' Mejju 2023?

25/09/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9955.

Seduta 151
04/10/2023

**PACEVILLE - SKWADRA SPEĊJALI TAL-PULIZIJA**

**11469. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jagħti d-data definittiva ta' meta ser titwaqqaf l-iskwadra speċjali fi ħdan il-Korp tal-Pulizija għaż-żona ta' Paceville f'San Ġiljan kif ġie ssuġġerit mill-Police Officers Union f'Lulju 2021?

25/09/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nirreferri lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 5546.

Seduta 151
04/10/2023

**BORD KONSULTATTIV GĦALL-POLITIKA DWAR L-GĦOTI TAS-SENTENZI - LAQGĦAT**

**11470. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid, mis-sena 2015 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm-il laqgħa saret tal-Bord Konsultattiv għall-Politika dwar l-Għoti tas-Sentenzi (Sentencing Policy Advisory Board)? Jista' jagħti d-dati ta' meta saret kull laqgħa u jindika l-membri tal-Bord u persuni oħra li kienu preżenti u/jew assenti għal kull waħda mil-laqgħat?

25/09/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma li l-Onor. Interpellant li l-Bord li kien appuntat nhar il-31 ta' Mejju 2021 kien kompost mis-segwenti membri:

Chairperson: Dr. Alex Scerri Herrera
Membri: Dr. Hermann Mula, Naomi Baker, Dr. Fleur Abela, Roberta Formosa, Amanda Grech
Segretarju: Dr Gabriel Farruġia

Il-Bord hekk kompost iltaqgħa uffiċjalment f'dawn il-ġranet:

- 27 ta' Lulju 2021
- 7 ta' Ottubru 2021
- 16 ta' Frar 2022
- 9 ta' Marzu 2022

Il-Bord preżenti, li ġie appuntat nhar l-10 ta' Ġunju 2022, huwa kompost mis-segwenti membri:

Chairperson: Dr. Alex Scerri Herrera
Membri: Dr. Doreen Parnis, Dr. Stephanie Gatt, Dr. Silvio Brincat, Dr. Martha Mifsud, Dr. Daniel Attard
Segretarju: Dr. Gabriel Farruġia

Il-Bord hekk kompost iltaqgħa fil-ġranet li ġejjin:

- 26 ta' Lulju 2022
- 7 ta' Settembru 2022
- 5 ta' Ottubru 2022
- 14 ta' Ottubru 2022
- 9 ta' Novembru 2022
- 13 ta' Jannar 2023
- 16 ta' Jannar 2023
- 5 ta' April 2023.
- 6 ta' Settembru 2023

Minħabba li l-laqgħat tal-Bord isiru primarjament skont d-disponibilità tal-istakeholders, ħafna mid-drabi ikun hemm xi membri li ma jkunux jistgħu jattendu.

Barra minn hekk, bejn ix-xhur ta' Marzu 2023 u Ġunju 2023, ic-Chairperson (għan-nom tal-Bord) kellu ħames (5) laqgħat oħra l-Ministeru.

Seduta 151
04/10/2023

**RESIDENZA SAN VINĊENZ DE PAULE - NEFQA FIŻ-ŻAMMA TAL-INDAFA**

**11522. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm hi n-nefqa fis-sena, fiż-żamma tal-indafa tal-Faċilità San Vinċenz De Paule? Jista' jelenka s-servizzi kollha relatati mal-indafa, inkluż ukoll il-ħasil tal-iswali, kif ukoll is-servizz ta' bdil u ħasil tal-lożor tas-sodod kollha? Jista' l-Ministru jgħid ukoll kemm jiswa kull servizz li jingħata u kemm huma s-salarji relatati ma' kull servizz?

27/09/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li s-servizz ta' tindif ġewwa San Vinċenz de Paul, kemm fis-swali, uffiċini kif ukoll fi spazji miftuħa, isir minn kumpanija privata. L-ispiża medja fis-sena hija ta' €3,093,220 ewro (VAT esklużа)
Il-bdil u ħasil tal-lożor tas-sodod isir minn koperattiva u l-ispiża medja fis-sena hija ta' €257,627.12 ewro (VAT esklużа)

Is-salarji tal-ħaddiema involuti f'dawn is-servizzi jinħarġu mill-kuntrattur/kooperattiva u mhux minn San Vinċenz de Paul.

Seduta 151
04/10/2023

**RESIDENZA SAN VINĊENZ DE PAULE - TIBDIL TA' PURTIERI**

**11523. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il darba jinbidlu l-purtieri ta' bejn is-sodod fis-swali ġewwa l-Faċilità San Vinċenz de Paule? Jista' jgħid ukoll min jipprovdi dawn il-purtieri u kemm jiswew?

27/09/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li matul dawn l-aħħar snin sar rinovar f'diversi swali f'San Vinċenz de Paul u parti minn dan ix-xogħol jinkludi wkoll it-tibdil tal-purtieri antiki għal oħrajn ġodda. Il-proċedura hija li għal dawn il-purtieri, jinxtara d-drapp u jiġu meħjuta mill-ħajjata ta' San Vinċenz de Paul.
In-nefqa tvarja skont id-daqs tas-sala u l-ammont ta' drapp li jkun hemm bżonn.

Seduta 151
04/10/2023

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU - KONSULENTI LEGALI**

**11524. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 10694 u jgħid min huma l-konsulenti legali li jagħtu konsulenza lill-Uffiċċju tiegħu? Jista' jgħid ukoll min huma l-konsulenti legali ta' kull bord u entità li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu? Għal kull każ, jista' jgħid minn meta ilhom jagħtu din il-konsulenza legali u kemm jitħallsu għaliha?

27/09/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 151
04/10/2023

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU - MEMBRI TA' BORDIJIET U ENTITAJIET**

**11525. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 10695 u jgħid min huma l-membri preżenti kollha ta' kull bord u entità li jaqgħu taħt l-Uffiċċju tal-Prim Ministru, inkluż iċ-Chairperson u s-Segretarju/a? Jista' jgħid x'inhi r-remunerazzjoni ta' kull persuna fil-bord jew entità rispettiva?

27/09/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** It-tagħrif mitlub qed jitpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 151
04/10/2023

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - KONSULENTI LEGALI**

**11526. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 10706 u jgħid min huma l-konsulenti legali li jagħtu konsulenza lill-Ministeru tiegħu? Jista' jgħid ukoll min huma l-konsulenti legali ta' kull bord u entità li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu? Għal kull każ, jista' jgħid minn meta ilhom jagħtu din il-konsulenza legali u kemm jitħallsu għaliha?

27/09/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba tinsab hawn taħt;

**NBC**

| **Konsulent Legali** | **Sena** | **Ħlas Totali (per annum)** |
|---|---|---|
| Timothy Bonello | 2022 | €3,699.28 |
| | 2023 | €1,149.60 |
| Sammut Legal | 2023 | €2,996.32 |
| Benjamin Valenzia | 2023 | €590 |

**MCST**

| **Konsulent Legali** | **Sena** | **Ħlas Totali (per annum)** |
|---|---|---|
| Dr. Carina Nagiah | 2019 | €9,720 |
| Legis Services | 2023 | €9,996 |

**ELTC**

| **Konsulent Legali** | **Sena** | **Ħlas Totali (per annum)** |
|---|---|---|
| Ten Yards Legal | 2022 | €802.50 |

**FTS**

| **Konsulent Legali** | **Sena** | **Ħlas Totali (per annum)** |
|---|---|---|
| DF Advocates | 2016 | Skont l-esiġenza |
| Dalli Paris Advocates | 2020 | €60 kull siegħa |
| MM Lex Consulta | 2022 | Skont l-esiġenza |

**UoM**

| Konsulent Legali | Sena | Ħlas Totali (per annum) |
|---|---|---|
| Pro Legal Advicates | 2021 | €699 |
| | 2022 | €4167 |
| | 2023 | €1,228.60 |
| Dr. Ian Vella Galea | 2021 | €4,689.55 |
| | 2022 | €12,329.49 |
| | 2023 | €9,363.69 |

**FES**

| Konsulent Legali | Sena | Ħlas Totali (per annum) |
|---|---|---|
| Dr. Marsette Portelli Xerri | 2017 | €2,032.95 |
| | 2018 | €2,276 |
| | 2019 | €2,553 |
| | 2020 | €3,760.43 |
| | 2021 | €5,540.77 |
| | 2022 | €2,580.96 |

**SportMalta**

| Konsulent Legali | Sena | Ħlas Totali (per annum) |
|---|---|---|
| Dr. Tiffany Ann Attard | 2022 | €6,480 |

Seduta 151
04/10/2023

**ĦRIEQI (NAPPIES) TAL-ADULTI – OUT OF STOCK**

**11544. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid għaliex kien hemm ħrieqi (nappies) tal-adulti out of stock fix-xahar ta' Settembru? Jista' jgħid ukoll meta waslu jew ser ikunu lura għad-dispożizzjoni tal-klijenti tal-POYC?

27/09/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li n-nappies tal-adulti ma jitqassmux mill-POYC u allura nistiednu jagħmel il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 151
04/10/2023

**SPTAR MATER DEI – SPEZZJONIJIET TA' SUFFETTI**

**11545. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid meta saru l-aħħar spezzjonijiet tas-suffetti rigward moffa u nuqqas ta' panels tas-suffett, ġewwa l-Isptar Mater Dei?

27/09/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li spezzjonijiet li jinkludu dawk tas-suffetti fl-Isptar Mater Dei jsiru tal-inqas darba fis-sena.

Seduta 151
04/10/2023

**VITALS/STEWARDS – PAGAMENTI LILL-KUNTRATTURI/SPEĊJALISTI**

**11546. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk il-kredituri (kuntratturi/speċjalisti) li kellhom jieħdu pagamenti mill-konċessjoni Vitals/Stewards, tħallsux kollha?

27/09/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Gvern għamel novar tal-maġġoranza kbira tal-kuntratti li kien hemm ma' Gozo General Hospital, St. Lukes's Hospital u Karen Grech Rehab Hospital u ħa risponsabililtà tagħhom mid-data ta' trasferiment lura ta' dawn l-isptarijiet għal għand il-Gvern.

Seduta 151
04/10/2023

**MENTAL HEALTH HELPLINE 1579 - TELEFONATI**

**11547. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm irċivew telefonati minn meta fetħet il-Mental Health Helpline 1579, maqsuma xahar b'xahar?

27/09/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li minn Novembru li għadda sa Awwissu il-Mental Health Helpline ħa 5,751 telefonati. lt-tabella t'hawn taħt turi l-informazzjoni xahar b'xahar.

| | | |
|---|---|---|
| November | 2022 | 331 |
| December | 2022 | 580 |
| January | 2023 | 495 |
| February | 2023 | 433 |
| March | 2023 | 666 |
| April | 2023 | 608 |
| May | 2023 | 630 |
| June | 2023 | 612 |
| July | 2023 | 706 |
| August | 2023 | 690 |

Seduta 151
04/10/2023

**SPTAR MOUNT CARMEL - ADMISSIONS**

**11548. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm kien hemm admissions fl-Isptar Mount Carmel bħala mod volontarju u dak mhux volontarju, xahar b'xahar minn Jannar 2022 sa Awwissu 2023?

27/09/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni tingħata f’xi seduta oħra.

Seduta 151
04/10/2023

**KAŻIJIET TA’ SUWIĊIDJU**

**11549. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista’ d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm kien hemm każijiet ta suwiċidju minn Jannar 2020 sa Awwissu 2023, maqsuma xahar b'xahar?

27/09/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba minnu tinsab fit-tabella t'hawn taħt. L-istatistika tal-2023 tkun għadha qed tinħadem.

| Age Group | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 | 2020 | 2021 | 2022 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| <25 | 3 | 4 | 3 | 0 | 3 | 1 | 2 | 1 | 5 | 4 |
| 25-34 | 3 | 3 | 9 | 4 | 5 | 8 | 3 | 6 | 6 | 1 |
| 35-44 | 3 | 6 | 5 | 11 | 3 | 4 | 8 | 4 | 8 | 6 |
| 45-54 | 8 | 8 | 7 | 7 | 3 | 2 | 3 | 5 | 5 | 2 |
| 55-64 | 4 | 4 | 8 | 1 | 6 | 3 | 2 | 6 | 7 | 5 |
| 65-74 | 0 | 2 | 2 | 0 | 3 | 3 | 2 | 0 | 3 | 2 |
| >75 | 1 | 5 | 0 | 1 | 2 | 1 | 1 | 1 | 0 | 4 |
| **Total** | **22** | **32** | **34** | **24** | **25** | **22** | **21** | **23** | **34** | **24** |

Seduta 151
04/10/2023

**SKEMA TA’ FINANZJAMENT ARTISTIKU GĦALL-GĦAQDIET TAL-ARMAR TAL-FESTI, GĦAQDIET KULTURALI U GĦAQDIET SOĊJALI - GĦAQDIET LI BBENEFIKAW**

**11550. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista’ l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra liema huma dawk l-għaqdiet li bbenefikaw mill-Iskema ta’ Finanzjament Artistiku għall-għaqdiet tal-armar tal-festi, għaqdiet kulturali u għaqdiet soċjali? Jista’ jgħid ukoll liema huma l-proġetti li ser jiġu ffinanzjati permezz ta’ din l-iskema u meta huma ppjanati li jsiru, kemm kienet l-istima għal kull proġett u kemm minn din l-istima ser tiġi ffinanzjata minn din l-istess skema?

27/09/2023

L-informazzjoni mitluba tinsab fit-tabella t’hawn taħt.

Intant infurmat li l-progetti relattivi huma ppjanati li jsiru f'sena mill-iffirmar tal-kuntratt.

| **Benefiċċjaru** | **Proġett** | **Stima** | **Finazjament mill-Iskema** |
|---|---|---|---|
| Għaqda Mużikali Sant' Andrija - Luqa | Arti tterraq | €8,671.00 | €5,203.00 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Peace Band Club | Set Bandalori Ġodda Fit-Triq Prinċipali Tan-Naxxar | €9,960.00 | €5,976.00 |
| Soċjetà Mużikali Santa Marija Qrendi | Planċier artistiku ġdid | €10,000.00 | €7,000.00 |
| St. Joseph Band Club Kirkop | Inkomplu Insebbħu it-Triqat Koppin fil-Festa<br>ta' San Ġużepp | €3,790.00 | €2,274.00 |
| Għaqda Mużikali Santa Marija, Ħal Għaxaq | Krejazzjoni ta’ sett ta' tlett pilandri tad-dawl kumplimentari għall-kolonni magħrufa bħala l- vażetti ta’ stil neo-gotiku fuq disinn ta’ Giuseppe Decelis | €8,470.00 | €6,082.00 |
| Għaqda Karmelitana Banda Queen Victoria, Żurrieq | Statwi Ġodda għall-Festa tal-Madonna tal-Karmnu Żurrieq | €8,085.00 | €4,851.00 |
| Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju | Is-Sostenibilità fl-Armar tal-Festi Maltin | €10,000.00 | €6,000.00 |
| Għaqda Mużikali u Soċjali Madonna tal-Karmnu Fgura | Restawr tal-Anġlu | €5,434.00 | €3,260.00 |
| L-Għaqda Soċjali Madonna tad-Duttrina | Ngħaddu l-festa lill-ġenerazzjoni li jmiss | €4,373.00 | €2,624.00 |
| Soċjetà Filarmonika Lourdes Qrendi | Tkomplija tar-rinnovar fuq il-planċier artistiku | €10,000.00 | €6,000.00 |
| Għaqda Mużikali San Guzepp Ħal Għaxaq | Bandalori ġodda | €10,000.00 | €6,000.00 |
| Għaqda Armar Xewkija | Inkomplu Insebbħu l-Festa Ta' Raħalna | €9,660.00 | €5,796.00 |
| Għaqda Armar Għajnsielem | LED Lighting Pavilions - Għajnsielem | €9,382.00 | €5,629.00 |
| Banda San Gorg Bormla | Armar għal-Festa tal-Immakkulata Kunċizzjoni | €10,000.00 | €6,000.00 |
| Għaqda ta' L-Armar Festa Stella Maris | Pavaljuni bil-Pittura | €10,000.00 | €6,000.00 |
| Għaqda Banda Żejtun | Upgrade the Band Stand | €4,000.00 | €2,400.00 |
| Società Filarmonica Maria Mater Gratiæ Żabbar AD 1883 | Restawr u konservazzjoni - Kolonna antika ta'<br>Malta Rebbieħa | €10,000.00 | €6,000.00 |
| Kummissjoni Festa Burmarrad | Finanzjament Artistiku - Festa Burmarrad 2024 | €10,000.00 | €6,000.00 |
| Kummissjoni Festi Parrocca Santwarju Madonna tas-Sacro Cuor, Tas-Sliema | Sett Pavaljuni Artistiċi | €10,000.00 | €6,000.00 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V, Mqabba | Nkomplu nsebbħu fil-ġranet tal-festa | €7,961.00 | €4,777.00 |
| Kumitat Festi San Duminku,Il-Birgu | Sett ta' tmien pavaljuni tad-drapp. | €5,140.00 | €3,084.00 |
| Grupp Armar Festa Sant' Anna | Design and manufacture of decorative statues for the parvis. | €9,900.00 | €6,574.00 |
| Għaqda Każin Banda San Filep AD1851 | Bandiera bil-Pittura li tagħti ġieħ lil San Filep u lil Ħaż-Żebbuġ | €9,973.00 | €5,984.00 |
| Għaqda Mużikali San Ġuzepp AD 1987 | Sett Bandalori tal-Granmastri fi Triq Malta Rebbieha, il-Kalkara | €10,000.00 | €6,000.00 |
| Għaqda tal-Armar Madonna tas-Sokkors Ta' Kerċem, Għawdex | Proġett Sett Pavaljuni tad-Drapp - Inlibbsu r-Raħal b'Arti rikka tradizzjonali tal-Festa | €10,000.00 | €6,000.00 |
| Soċjetà Mużikali Beland AD. 1861 | Sett Bandalori għall-festa tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesu fiż-Żejtun | €5,346.00 | €3,208.00 |
| Kumitat Festa Esterna San Gużepp Msida | Bandalori għall-Pjazza tal-Bandli | €8,796.00 | €5,278.00 |

**ŻGĦAŻAGĦ LI QED JIRREĠISTAW GĦAX-XOGĦOL**

**11581. L-ONOR. NAOMI CACHIA** staqsiet lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm persuni żgħażagħ (bejn is-16 u d-29 sena) jirreġistraw għax-xogħol, xahar b'xahar, minn Jannar 2012 sa Settembru 2023?

28/09/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 151
04/10/2023

**DIPARTIMENTI TAL-GVERN U ENTITAJIET FIS-SETTUR PUBBLIKU - ĊERTIFIKAT TAL-EQUALITY MARK**

**11582. L-ONOR. NAOMI CACHIA** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari għar-Riformi u l-Ugwaljanza, jindika kemm huma dawk l-entitajiet fis-settur pubbliku u Dipartimenti tal-Gvern li għandhom iċ-ċertifikat tal-Equality Mark sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

28/09/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** In-numru ta' entitajiet fis-settur pubbliku u Dipartimenti tal-Gvern li għandhom iċ-ċertifikat tal-Equality Mark sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari hu ta' 36.

Seduta 151
04/10/2023

**ENTITAJIET PRIVATI - ĊERTIFIKAT TAL-EQUALITY MARK**

**11583. L-ONOR. NAOMI CACHIA** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari għar-Riformi u l-Ugwaljanza, jindika kemm huma dawk l-entitajiet privati li għandhom iċ-ċertifikat tal-Equality Marksal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

28/09/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** In-numru ta' entitajiet privati li għandhom iċ-ċertifikat tal-Equality Mark sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari hu ta' 100.

It-taħriġ lill-impjegati f'kumpaniji ċertifikati bil-Marka tal-Ugwaljanza huwa kontinwu u jsir bħala parti mill-proċess ta' riċertifikazzjoni li kull kumpanija trid tgħaddi minnu sabiex iżżomm il-Marka tal-Ugwaljanza. Mill-bidu tal-2022 u sa issa, 361 impjegat f'kumpaniji privati irċevew dan it-taħriġ.

Seduta 151
04/10/2023

**RENDIKONT TAL-ATTIVITAJIET LI KIENU PARTI MILL-PROGRAMM EUROPRIDE VALLETTA 2023**

**11584. L-ONOR. NAOMI CACHIA** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari għar-Riformi u l-Ugwaljanza, jagħti rendikont ta' kemm ittellgħu attivitajiet bħala parti mill-programm uffiċjali tal-Europride Valletta 2023? Jista' jindika min kien l-organizzatur ta' kull waħda?

28/09/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li l-programm uffiċjali tal-EuroPride Valletta 2023 kien jinkludi total ta' 80 attività. Ma' din it-tweġiba qed inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra rendikont ta' kull waħda minn dawn l-attivitajiet, b'indikazzjoni ta' min kien l-organizzatur rispettiv.

Seduta 151
04/10/2023

**EUROPRIDE VALLETTA 2023 - ATTENDENZA**

**11585. L-ONOR. NAOMI CACHIA** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari għar-Riformi u l-Ugwaljanza, jikkonferma kemm attendew nies għall-attivitajiet tal-Europride Valletta 2023?

28/09/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi l-informazzjoni mitluba qed tinġabar.

Seduta 151
04/10/2023

**AĠENZIJA IDENTITÀ - TAQSIMA TAR-RIĊERKI**

**11586. L-ONOR. NAOMI CACHIA** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jispjega l-ħtieġa biex it-taqsima tar-riċerki li taqa' taħt Aġenzija Identità tiġi rrilokata?

28/09/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li l-binja li minnha kienet qed topera t-Taqsima tar-Riċerki sofriet danni estensivi matul is-snin u ma kinitx f'kundizzjoni adegwata biex tkompli taqdi l-funzjonijiet u r-responsabbiltajiet mistennija minnha. Kemm il-ħaddiema kif ukoll il-klijenti tat-Taqsima tar-Riċerki jixirqilhom post strutturalment b'saħħtu, modern u attrezzat aħjar minn fejn jaħdmu u jinqdew.

Seduta 151
04/10/2023

**LOGĦOB TAL-ISTATI ŻGĦAR TAL-EWROPA - ĦLAS LIR-REBBIEĦA TAL-MIDALJI TAD-DEHEB**

**11617. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk ir-rebbieħa kollha tal-midalji tad-deheb fil-Logħob tal-Istati Żgħar tal-Ewropa ngħatawx il-ħlas li ġew imwiegħda?

28/09/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta 151
04/10/2023

**MARSALFORN, TRIQ KAPTAN FRANK DEBONO – SERVIZZ FREE-TO-AIR**

**11618. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għall-mistoqsija parlamentari 6992 u għat-tweġiba għaliha fejn il-Ministru kien wieġeb "nerġa' ntenni u nikkonferma li s-servizz free-to-air ser jibqa' garantit lill-familji Maltin u Għawdxin li jużaw l-aerial u dan propju għaliex dan il-Gvern iħoss il-polz taċ-ċittadini Maltin u Għawdxin", u peress li hemm rapporti minn diversi partijiet ta' Malta u Għawdex li hemm min mhux qed jirnexxielu jaqbad l-istazzjonijiet tat-TV lokali bl-antenna tat-TV u fejn m'hemmx sinjal tat-TV, fost l-oħrajn fi Triq Kaptan Frank Debono, Marsalforn, Għawdex (qed jintbagħat ritratt separatament ta' apparat li juri li m'hemmx sinjal tat-TV). għaldaqstant, jista' l-Ministru jispjega s-sitwazzjoni fuq is-servizz free-to-air u jispjega għaliex ħafna nies madwar Malta u Għawdex qed ikollhom problemi biex jaqbdu l-istazzjonijiet tat-TV lokali bl-aerial tagħhom?

29/09/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Diġà kelli opportunità nispjega pubblikament kif il-Gvern ra li s-servizz free-to-air li hemm referenza ghalih fid-domanda parlamentari ikkwotata fl-interpellanza jissokta f'pajjiżna.

Meta jkun hemm xi każijiet singoli ta' persuni li jirrapportaw lilna li jkollhom diffikultà biex jaqbdu t-trasmissjoni għal raġunijiet li jistgħu jkunu differenti, aħna nirreferu lill-operatur tas-servizz (Go plc) li dejjem tat il-koperazzjoni u assistenza sħiħa tagħha.

Intant se nkun qed nirreferi lill-operatur tas-servizz il-każ marbut mat-Triq imsemmija f'Marsalforn

Seduta 151
04/10/2023